# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu, 2016**

**Talba Nru: 817/2015/VG**

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**SAMIR Armany Giuseppe [ID 248895M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-8 ta' Ottubru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' disa' mija tlieta u hamsin euro u hamsa u ghoxrin centezmi ta' euro [€953.25c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disgha mija, tlieta u hamsin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€953.25) liema ammont huwa in konnessjoni ma' Home Pack 42 fuq l-akkont numru A/C 40152625 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

- Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C 40152625;

- Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali;

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fl-24 ta' Frar, 2016 u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Simone Wightman, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Keith Grech ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' disa' mija tlieta u hamsin euro u hamsa u ghoxrin

centezmi ta' euro [€953.25c] in konnessjoni ma' Home Pack 42 fuq l-akkont numru A/C 40152625 moghtija minnha lill-intimat.

Ikkunsidra;

2. Simone Wightman, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew

le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fl-24 ta' Frar, 2016 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' disa' mija tlieta u hamsin euro u hamsa u ghoxrin centezmi ta' euro [€953.25c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-8 ta' Ottubru, 2015 data tal-prezentata tat-Talba odjerna, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**